FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

10 t'Ottubru 2014

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tas-Sebgħa u Tletin (37) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjaħ is-**Sebgħa u Tletin (37)** Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nżammet **nhar il-Ħamis 2 t'Ottubru 2014 fil-5.15pm,** b'din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Rapport Finanzjarju ta` L-Ewwel Kwart 2014
10. Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart 2014
11. Arblu tal-bandiera fi Triq Sant'Anna
12. Traffiku u Parkeġġ
13. Car Free Day
14. Genna ta' Gonna...U Hafna Aktar!
15. Tindif fil-Floriana
16. Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi
17. Assemblea Generali Furjaniza
18. Aggornament tal-Laqgha

Ghas-Sebgha u Tletin (37) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Viċi Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**
**Is-Sindku Nigel Holland attenda wara materja nru 2.1.**
**L-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Jean Zarb ma kienx preżenti.**

**Bidu tal-laqgħa:**
Il-laqgħa nfetħet permezz ta' talba żgħira mill-Viċi Sindku Matthew Paris.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill ġew iccirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 ġew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mill-Viċi Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.3 Il-minuti tas-sitta u tletin (36) laqgħa tal-Kunsill ġew iccirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 ġew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mill-Viċi Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 2.0 Punti imqajma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg għamel riferenza ghall-materja nru 4.4 (36) u nforma lill-Kunsill li fil-laqgħa li nżammet ma' Dr Cuschieri, huwa kien saqsa jekk kienx hemm xi regola li tispeċifika jekk jistgħux isiru barbeques f'ġonna pubbliċi. Huwa qal li Dr Cuschieri kien ikkonferma li ma kien hemm l-ebda liġi li tgħid li dawn ma jistgħux isiru.

**Nota: 17:19 Is-Sindku Nigel Holland attenda għal-laqgħa.**

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg għamel riferenza ghall-materja nru 8.1 (36) u saqsa jekk kienitx saret l-applikazzjoni biex issir sleeping policeman fi Triq San Franġisk. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bzonn jiġi determinat fejn ser issir eżatt sabiex ikun jista' jibgħat lill-Perit.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg għamel riferenza ghall-materja nru 8.2 (36) u saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien talab stima biex isir l-grada u l-kanċell u kien qed jistenna risposta. Il-Viċi Sindku Matthew Paris saqsa jekk dan ix-xogħol setax isir mill-ħaddiem tal-Kunsill iżda s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ħaddiema ma kellhomx l-għodda neċessarja biex jagħmlu dan ix-xogħol.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg għamel riferenza ghall-materja nru 10.4 (36) u nforma lill-Kunsill li lbierah innota li kien hemm tliet vetturi pparkjati. Is-Sindku Nigel Holland talab li din il-materja tiġi diskussa iktar tard matul il-laqgħa.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-proposta biex il-lokalita' tissieħeb mal-Assoċjazzjoni Walled Towns u talab lill-Viċi Sindku Matthew Paris sabiex jelabora fuq din il-proposta. Il-Viċi Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li matul il-konferenza stampa li saret rigward in-Notte Bianca, is-Sindku tal-Belt Valletta kien ippropona li l-lokalita' tissieħeb ma' din l-assoċjazzjoni. Huwa spjega li l-lokalita' kienet ser tibbenefika minn diversi benefiċċji bħalma huma fondi mill-Unjoni Ewropea, eċċ. Huwa żied jgħid ukoll li t-tariffa biex il-lokalita' tissieħeb ma' din l-għaqda kienet tiġi ikkalkulata skont il-popolazzjoni u għalhekk fil-każ tal-lokalita' tal-Floriana din kienet ser tammonta

ghal madwar €180 fis-sena. Huwa qal ukoll li s'issa kien hemm erbgħa lokalitajiet f'Malta li kienu jagħmlu parti minn din l-assoċjazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u qabel li għandu jissieħeb ma' din l-assoċjazzjoni.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-laqgħa ghall-kunsillieri ta' Malta kienet ser issir nhar is-17 u t-18 t'Ottubru 2014 u talab lill-kunsillieri li kienu interessati sabiex jinformaw lill-Kunsill biex tkun tista' tintbagħat l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Vincent Borg wera l-interess tiegħu filwaqt li l-Viċi Sindku Matthew Paris qal li għandu jinforma lill-Kunsill iktar tard wara li jivverifika jekk hux ser ikun imsiefer.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba mingħand il-Middlesea biex bħal kull sena ipoġġu ammont ta' containers f'Xatt it-Tiben mill-10 sad-29 t'Ottubru 2014 ghall-attivita tar-Rolex MiddleSea Race. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jiġu segwiti l-kundizzjonijiet tas-soltu.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien avviċinat minn Dr Peralta li nformah li kien ser isir kalendarju tal-Floriana Nursery li jkun fih ritratti tat-tfal kif ukoll ta' diversi monumenti lokali biex jippromwovu l-kultura u l-istorja tal-Floriana. Il-Kunsill approva li dan il-kalendarju isir b'mod konġunt bil-kundizzjoni li l-ispiża tal-Kunsill ma teċċedix it-€300.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland għamel riferenza ghall-attivitajiet tal-Indipendenza mtellgħin fuq il-Fosos u qal li jinsab iddizappuntat bis-sitwazzjoni fejn għaxart ijiem wara għad hemm affarijiet maqlugħin u mhux f'posthom.

3.5.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx sar rapport lill-Pulizija dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li r-rapport kien sar kif mitlub.

3.5.2 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li hu kien bat email lis-Segretarju Ġenerali tal-PN fejn talbu jieħu ħsieb kemm dawn l-affarijiet pendenti kif ukoll il-ħmieġ li tħalla fuq il-Fosos.

3.5.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu mhux kuntent bil-mod kif sar it-tindif minhabba li l-Fosos ghadu mizghud bit-tight clips li thallew wara dawn l-attivitajiet. Huwa qal ukoll li t-tindif ma kienx beda wara t-tmiem tal-attivita' immedjatament u kellu jmur jigbed l-attenzjoni tas-Sur Charles Stroud fuq din tant li t-tindif beda l-ghada ghall-habta ta nofsinhar.

3.5.4 Il-Viċi Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jibghat ittra formali lill-Partit Nazzjonalista fejn jitolbu jirrimedja dawn is-sitwazzjonijiet. Is-Sindku Nigel Holland qal li ghandu jinghata 48 siegha cans sabiex is-sitwazzjoni tigi rizolta u li f'kaz li ma tittihiedx azzjoni, allura l-Kunsill ghandu jinforma li ser jiehu l-azzjonijiet kollha possibli. Is-Sindku zied jghid li issa kien ghadda bizzejjed zmien u li kien dizappunt kbir li kollox kien baqa' pendenti.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kumitat Olimpiku M altiu saqsa lill-Kunsill jekk xtaqx japplika ghall-konkors annwali ta` premjijiet organizzat mill-istess Kumitat Olimpikui. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika bhalma sar fi snin precedenti.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Archimed Projects fejn talbu lill-Kunsill jikkunsidra li jahfer it-tariffa tal-permess tal-iscaffolding. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill diga kien iddecieda li jnaqqas it-tariffa tal-iscaffolding b'90% ghal kull entita' kummercjali. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-Kunsill ser ikun kostrett inehhi d-dawl li hemm mal-istess blokka biex isir ix-xoghol taghhom. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jikkumpara u jekk ikun il-kaz, jilhaq ftehim ma' Archimed Projects biex inehhu u jergghu jimmontaw l-istrixxi huma, mbaghad jitnaqqsu mit-tariffa tal-permess. Il-Kunsill qabel li tingieb stima ghat-tnehhija tad-dawl minn mal-blokka ta fejn hemm ir-ROCS u wara isiru id-diskussjonijiet.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq komunikazzjoni relata KDF Ltd. fejn qed jigi ikkontestat l-multi

imposti mill-Kunsill dwar in-nuqqas ta' toilet attendants mal-latrini f'gimgha partikolari.

3.8.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja u ssuggerixxa li fil-futur, il-Kunsill jikkunsidra li t-tender tal-operatur tal-gabbana jkun jinvolvi fih ukoll numru ta' toilet attendants mal-latrina. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti dan meta jaghlaq it-tender prezenti.

3.8.2 Is-Sindku ppropona li issa li t-toilets gew irrangati, ma kienx hemm bzonn li jkun hemm toilet attendant fis-sajf fl-ghaxija u ssuggerixxa li l-Kunsill ma joqghodx jidhol fi spizi ta' toilet attendants.

3.8.3 Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jnehhi l-multi imposti mill-Kunsill ladarba kien hemm certezza li ma kienx hemm toilet attendant skont il-ftehim fil-granet imsemmija.

3.8.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu mhux se jittollera li xi hadd jabbuza mill-Kunsill sfaccatament ghax il-flus mahruga mill-Kunsill huma fondi pubblici. Huwa zied jghid ukoll li lanqas se jittollera certu kummenti li ghamel il-kuntrattur. Huwa ghamel riferenza ghall-kaz ricenti fejn il-gnien kien mitfi u l-kuntrattur kien qal li la ma setax jixghel. Huwa qal li dawn it-twegibiet kienu inaccettabli specjalment ladarba hu kien jaf minn fejn kien jinxtaghalghax ghamel dax-xoghol fil-passat. Is-Sindku qal li issa kienet qed tinqabez il-linja u li ma kienx ser ikompli jittollera dan l-agir.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand is-Sur Carmel Farrugia sabiex ikompli jaghmel uzu mill-picc sintetiku nhar ta Hamis fil-ghaxija. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' japprova t-talba ghas-sitt xhur li gejjin bil-kundizzjonijiet precedenti.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Surmast tal-iSkola Primarja fejn irringrazzja lill-Kunsill tal-ghajnuna li l-Kunsill ipprovda fil-garr tat-turf artificjali.

3.10.1 Is-Sindku kompla billi nforma lill-Kunsill bit-talba tas-Surmast rigward il-hmieg tal-hamiem.

3.10.2 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li hu ma setax jifhem ghalfejn entita' governattiva bhalma hi l-iSkola Primarja tkompli titlob ghajnuna minghand il-Kunsill ladarba din kienet diga tircievi ghajnuna minghand il-Gvern centrali.

3.10.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li skejjel ohra jaghmlu fund raising biex jigbru fondi u ghajnuniet.

3.10.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet ser tkellem l-iSkola Primarja dwar dawn it-talbiet ghall-ghajnuna. Hija ziedet tghid li l-fondi tal-Kunsill ma jippermettux dan u li b'dispjacir il-Kunsill ma setax japprova dawn it-talbiet.

3.10.5 Il-Kunsill ma approvax it-talba tal-iSkola Primarja.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'ilment minn resident li l-pompa tal-funtana tal-bandli ma kinietx qed tahdem kif suppost. Huwa qal li ghal darb'ohra il-kuntrattur ma kienx ha azzjoni immedjata u qal li dan l-agir ma kienx tollerabbli specjalment ladarba tali sitwazzjoni setghet tikkawza hsara lill-istess pompi.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondernza minghand Wilson Mifsud fejn ikkontesta li l-ilmenti mressqa mill-Kunsill ma kienux iggustifikati.

3.12.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-bins li l-Kunsill kien ilmenta fuqhom kienu damu maqlughin barra minn gol-kontenitur ghal zmien twiel u kien hemm bizzejjed xhieda biex jixhdu dan.

3.12.2 Huwa qal li hu kien ser jipproponi default notice minhabba li dawn l-azzjonijiet ma kienux tollerabli.

3.12.3 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, giet approvata default notice lill-kuntrattur Wilson Mifsud wara li ttiehed vot bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, ET, MP, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li titnehha r-rampa tal-konkos li kienet saret mill-Ambaxxata Amerikana fi Triq John Lopez. Huwa qal li din kienet saret sabiex isir ipparkjar fuq il-bankini li ghahekk ma kienux accettabli apparti li kienet qed tkerrah iz-zona.

3.13.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li t-tnehhija ta' din ir-rampa kienet ser tnaqqas xi spazji ta' parkegg u ghalhekk hu ma jaqbilx mal-proposta.

3.13.2 Is-Sindku Nigel Holland sostna li minhabba din ir-rampa, ma kienx hemm qed ikun hemm access ghall-bankina.

3.13.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien hemm postijiet ohra fejn il-karozzi kienu jipparkjaw fuq il-bankina bhal fi triq l-Argotti iz-zghira.

3.13.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li meta tressqet din il-proposta, hu kien ivvota kontra l-parkegg fuq il-bankina u ghalhekk kien qed ikun konsistenti mad-decizjonijiet tieghu.

3.13.5 Il-Viċi Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jippostponi din id-decizjoni ghal-laqgha li jmiss sabiex il-kunsillieri jkunu jistghu imorru fuq il-post qabel tittiehed decizjoni finali. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 17:58 Il-Viċi Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

3.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq suggeriment li sar biex isiru xi modifikazzjonijiet fis-sinjali tat-traffiku ta' Triq San Frangisk fosthom li l-hrug ghal Triq San Frangisk ikun biss minn Triq Vilhena.

3.14.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien ivverifika dan is-suggeriment u jirrizulta li biex dan ikun possibli jkun hemm bzonn li jsiru hafna tibdiliet f'toroq ohra.

3.14.2 Il-Kunsillier Borg qal li jahseb li s-sitwazzjoni tigi aghar minn dik prezenti jekk isir dan is-suggeriment.

**Nota: 18:01 Il-Viċi Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

3.14.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jahseb li kien wasal iz-zmien biex il-Kunsill jitlob lil xi kumpanija jew persuna kkwalifikata sabiex tkun tista' tittratta dawn is-suggerimenti dwar l-

immanigjar tat-traffiku

3.14.4 Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill jistax isaqsi lil Transport Malta izda s-Segretarju Eżekuttiv qal li TM ikunu jridu li jsiru l-istudji kollha necessarji qabel ma titressaq il-proposta quddiemhom.

3.14.5 Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill jistax iqabbad lill-ADI Associates. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ghandu jivverifika minhabba r-restrizzjonijiet finanzjarji.

3.14.6 Il-Kunsillier Vincent Borg kompla jsostni li dan is-suggeriment kien ser jikkawza aktar problemi fit-traffiku jekk jigi applikat.

3.14.7 Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandu isir xi forma ta` studju qabel tittiehed xi decizjoni.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-MMSA fejn talbu lill-Kunsill jikkunsidra li jinhafer id-depozitu mitlub minnu ghall-attivita' li ser itellghu. Il-Viċi Sindku qal li l-MMSA kienu ghaqda ta' studenti universitarji u ghalhekk l-ammont mitlub mill-Kunsill kien eccessiv ghalihom. Ghalhekk huwa ssuggerixxa li stante li l-attivita' kienet tinvolvi biss xi ritratti, il-Kunsill ma jitlobx depozitu izda jitlob garanzija li f'kaz li jkun hemm xi hsara, dawn jithallsu immedjatament. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Viċi Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-kwistjoni tal-earth electrodes u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuqha. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa li l-gabbani kienu obbligati li jkollhom l-earth izda li l-Kunsill ma kienx obbligat li jwahhalom hu.

4.1.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-earth electrodes isiru mis-sidien tal-gabbani.

4.1.2 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill ried jaghmel designated areas fejn ser jibdew ikunu l-gabbani minhabba li ma kienx possibli li jkun hemm earth electrodes f'kull naha tal-lokalita'.

4.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill ried jipprovdi fejn seta' jsir l-earth electrode u wera t-thassib tieghu dwar il-fatt li jekk l-earth electrodes isiru mis-sidien tal-gabbani, setghu jigu kkawzati hsarat li jkunu jridu jigu affacjati mill-Kunsill.

4.1.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk jistghux isiru mill-Kunsill izda l-ispiza tithallas mill-operaturi tal-gabbani. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kunsill jista` jitlob xi forma ta` kontribuzzjoni ghall-uzu.

4.1.5 Il-Viċi Sindku Matthew Paris ippropona li din il-materja titla' fuq l-agenda tal-laqgha ta' Regjun Xlokk minhabba li din kienet ser taffetwa diversi lokalitajiet li bhall-Floriana, ikollhom diversi attivitajiet li matulhom jarmaw il-gabbani. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv ghandu jikteb lis-Segretarju tar-Regjun Xlokk sabiex itella' din il-materja fl-agenda tal-laqgha li jmiss.

4.2 Il-Viċi Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-invazjoni tal-lokalita' b'hornets kbar. Is-Segretarju Eżekuttiv wiegeb li d-direttiva lill-Kunsill mis-Sanita' kienet li residenti ghandhom icemplu lil xi hadd privat f'kaz li jkun hemm invazjoni f'proprjetajiet privati. Is-Sindku Nigel Holland fakkar li hu kien halla numru ta' xi kumpanija privata li kien offra s-servizzi tieghu b'xejn bhala riklam. Il-Viċi

Sindku Matthew Paris talab li jigi mghoddi d-dettalji ta' din il-kumpanija sabiex ikun jista' jinforma lir-resident b'din l-alternattiva.

4.3 Il-Viċi Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku jekk kinietx inzammet il-laqgha mal-Ministru Zammit Lewis. Is-Sindku wiegeb li kienet ghadha ma ntalbitx laqgha mieghu u ghalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob laqgha mal-Ministru.

4.4 Il-Viċi Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar l-arbitragg ta' Justin Attard. Is-Segretarju Eżekuttiv wiegeb li s-seduta li jmiss hija ffissata ghall-14 t'Ottubru 2014.

**Nota: 18:16 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

4.5 Il-Viċi Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar il-kaz ta' DJS Trading. Is-Sindku Nigel Holland qal li ma kien hemm l-ebda zvilupp. Il-Viċi Sindku Matthew Paris informa li dakinhar stess kien iltaqa' mal-avukat ta' DJS Trading li nformah li ghandu jressaq proposta differenti biex tigi kkunsidrata mill-Kunsill.

4.6 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja precedenti u qal li jinsab iddizgustat bl-agir tal-korp tal-Pulizija li minkejja li hemm misapproprjazzjoni ta' fondi evidenti, xorta wahda l-korp ma kienx ha l-azzjoni necessarja kontra din il-kumpanija.

**Nota: 18:19 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

4.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk kienx sar kuntatt mal-P.A. tal-Ministru Mallia dwar il-kwistjoni ta' Taht il-Forka. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma kienx kellmu peress li kien gie deciz li kellha tavviċinah il-kunsilliera. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet filfatt avviċinatu u li kien accetta li ssir laqgha mar-rapprezentanti tar-residenti tal-lokalita' fil-21 t'Ottubru 2014. Is-Sindku Nigel Holland qal li din id-data ma kinietx accettabli meta l-materja kienet wahda urgenti. Huwa qal li jippretendi li l-ministru ghandu jsib ftit tal-hin sabiex jittratta materji urgenti f'qasir zmien.

4.8 Is-Sindku Nigel Holland qal hu kien bat ittra bl-idejn lil Ministru Mallia il-Gimgha ta' qabel u qal li jinsab iddizappuntat li l-Kunsilliera Sammut Hili kienet sostniet waqt laqgha pubblika ghar-residenti li din l-ittra waslet it-Tnejn ta' wara u kienet poggiet lilu f'dawl ikrah fis-sens li qisu ma kienx qed jghid il-verita. Huwa qal li hu kien talab lill-istaff amministrattiv biex din tittiehed bl-idejn il-Gimgha u ghalhekk ma setax jifhem kif damet tlett ijiem biex tigi quddiem il-Ministru. Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li hi kienet qed tghid dak li qallha l-P.A. tal-Ministru. Ghalhekk is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkonferma mal-istaff meta ntbaghtet l-ittra. Is-Sindku Nigel Holland qal li kien qed jitlob dan ghax ihoss li l-mod kif tpogga l-kliem kien qisu li hu kien qed jghid mod izda kien gara mod iehor u wiehed kellu joqghod attent kif ipoggi d-diskors.

**Nota: 18:25 Il-Viċi Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

4.9 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li hu kien iccekkja mal-ADI Associates dwar il-progett ta' taht il-Forka. Huwa qal li l-ADI Associates kienu kkonfermawlu li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni ricenti rigward dan il-progett hlief applikazzjoni antika li kienet diga ssemmiet. Is-Sindku qal li ladarba ma kienx hemm applikazzjoni, allura jidher li s'issa ma kien ser isir xejn. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li skont l-informazzjoni li ghandha hi s'issa kien ghad hemm biss espressjoni t'interess.

**Nota: 18:28 Il-Viċi Sindku Matthew Paris reġa' attenda għal-laqgħa.**

4.10 Il-Viċi Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jistenna sal-21 t'Ottubru 2014 sabiex tinzamm il-laqgha u li sadanittant il-Kunsill ghandu jifformola d-domandi li ghandu l-Kunsill u jibghathom lill-Ministru bil-miktub. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment.

4.11 Il-Viċi Sindku Matthew Paris fakkar li f'din l-ittra il-Kunsill ghandu jitlob sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-progett sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill qabel.

4.12 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku f'hiex kienet waslet l-applikazzjoni biex tibda' tinxteghel il-fossa li l-Kunsill kien fetah. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-applikazzjoni kienet giet sospiza minħabba ragunijiet finanzjarji.

**Nota: 18:30 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skużat.**

4.13 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li din il-fossa kienet ser tinxteghel temporanjament għal Ġenna ta' Ġonna... u ħafna aktar!!

4.14 Il-Kunsillier Vincent Borg għamel riferenza ghall-programm Reporter li sar it-Tnejn ta' qabel u saqsa għalfejn is-Sindku ma kienx bat lilu ladarba l-programm kien jittratta t-traffiku u parkeġġ. Is-Sindku Nigel Holland qal li minkejja li hija prerogattiva tas-Sindku lil min jibgħat floku, jiskuża ruħu minħabba li irrealizza wara li kien ikun aħjar li kieku talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex imur minfloku.

**Nota: 18:32 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skużat.**

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin għandu jgħaddi kopja tal-minuti tal-laqgħa tas-sottokumitat lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiccirkolahom għall-approvazzjoni.

## 6.0 Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda sottomissjonijiet ghall-espressjoni t'interess ghall-organizzazzjoni ta' Christmas Village.

**Nota: 18:35 Is-Sindku Nigel Holland reġa' attenda għal-laqgħa.**

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsill li kien gie mitlub jitla' xhud f'kaz ta' Andre Xuereb vs Joseph Bezzina. Huwa spjega lill-Kunsill kif il-Kunsill ma setax jaghmel trasferimenti ta' gabbani. Huwa qal li l-unici bidlijiet li saru mill-Kunsill kienu saru meta ma kien hemm hadd fuq il-waiting list.

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ricentament il-Gvern Centrali kien ghamel xi tibdil fis-sistema tal-emails tieghu. Liema sistema mhijiex kompatibbli mas-software tal-ufficju amministrattiv, u ghalhekk issa kien hemm bzonn li l-computers tal-Kunsill jigu nstallati b'software up to date. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din l-ispiza ser tammonta ghal iktar minn €1800. Il-Kunsill qabel ladarba din l-ispiza kienet obbligatorja.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 96-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien ghadu kif ircieva s-somma ta' €5020 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li kienu jaghmlu tajjeb ghall-arretrati fil-pagi tal-impjegati.

7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien gab kwotazzjoni li tammonta ghal €800 sabiex jigu rrangati l-culverts tal-hadid. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni.

7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ghamel riferenza ghall-maintenance tal-football pitch u qal li kien gab kwotazzjoni ghal ftit mix-xoghol li hemm bzonn isir.

7.4.1 Il-Viċi Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-pitch kienietx qed issirlu maintenance annwali minhabba li din kienet obbligatorja jekk il-Kunsill ried li t-turf jibqa' tajjeb. Huwa talab lill-Kunsill permess sabiex jitlob sponsorship minghand kumpanija li taghmel il-maintenance tal-piccijiet. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

7.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li x-xoghol ghal zewg fences kien ser jammonta ghal €700 + VAT u €300 + VAT. Huwa qal li din l-ispiza kienet ser taqbez l-ammont li l-Kunsill seta' jhallas b'direct order, kif ukoll hija ftit esagerata.

7.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-locks kienu jammontaw ghal €420 + VAT u li ghalhekk instabet soluzzjoni ohra, billi saret katina mal-bibien sabiex ma jinfethux, li giet ferm irhas.

7.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li x-xbieki kienu ser jiswew €160 + VAT. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccara jekk din l-istima kienietx ghax-xbieki jew ghal-lasti.

7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien hemm bzonn li jinxtara cordless drill. Huwa qal li kien gab kwotazzjoni li tammonta ghal €145 + VAT. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill sabiex tinxtara printer u scanner ghall-kamra tal-kunsilliera. Huwa qal li l-irhas kwotazzjoni ghall-Multifunction printer sodisfacenti kienet tammonta ghal €336. Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li hu ser jibqa' joggezzjoni ghax-xiri ta' printer ghall-kamra tal-kunsilliera minhabba li jhoss li din in-nefqa ma kienietx bzonnjuza. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghalissa ghandu jzomm din ix-xirja pendenti ladarba s'issa kien ghadu qed jinqeda'.

7.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-pagamenti mahruga fil-Car Free Day ta' €20 lil xi bandisti. Huwa qal li jhoss li dawn il-pagamenti ma messhomx hargu issa ladarba kien hemm pagamenti li kienu ilhom pendenti iktar.

7.8 Is-Sindku Nigel Holland spjega li dawn il-pagamenti hargu issa minhabba li l-Car Free Day kellha tigi organizzata fi ftit sieghat wara li l-Kunsill kien infurmat fl-ahhar mumenti li kien ser jingahta il-Fondi biex jorganizza xi attivitajiet wara li originarjament il-proposta kienet giet rifjutata u ma kien ser isir xejn.. Minhabba dan huwa kellu johrog xi pagamenti malajr lil partecipanti biex ikun jista'

jtella' din l-attivita'.

7.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li dawn il-pagamenti qabzu pagamenti pendenti ohra li kienu ilhom jistennew xhur. Hija qalet li tal-anqas, il-kunsillieri kellhom jigu nformati li kienu ser jinhargu dawn il-pagamenti.

7.10 Is-Sindku Nigel Holland qal li dawn il-flus ghandhom jigu rimborsati mill-Gvern Centrali u li biex il-Kunsill ikun intitolat ghal dawn il-fondi, il-Kunsill kellu itella' attivita'.

7.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li dan xorta ma jiggustifikax il-fatt li dawn il-kontijiet ma stennewx wara kontijiet ohra.

7.12 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-muzicisti jippretendu li jithallsu appena jaghmlu xogholhom u li kien dejjem il-kaz anke meta l-Kunsill jorganizza l-Florianafest.

7.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li meta organizzat il-Floriana fest mal-Viċi Sindku Matthew Paris, ma kienux hallsu lill-kantanti ezatt wara l-attivita' izda kienu stennew wara haddiehor biex jithallsu.

7.14 Is-Sindku Nigel Holland qal li jekk wiehed irid jaghmel attivita' f'qasir zmien, ikollu joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' min ikun ser jaghti s-servizz u ghalhekk jekk huma jitolbu li jithallsu mill-ewwel, il-Kunsill ikollu jakkomoda r-rikjesta tal-kuntrattur.

7.15 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili rribattiet li s-Sindku missu nforma lill-kunsilliera xorta wahda.

7.16 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ma kienx sew li hu lanqas kien jaf li kienet ser tittella' attivita' fil-Floriana dakinhar tal-Car Free Day u li fl-ahhar laqgha, id-decizjoni tal-Kunsill kienet li ma kien ser jittella' xejn.

7.17 Is-Sindku kompla billi qal li l-kunsillieri kienu jafu li dakinhar kien jum il-Car Free Day izda xorta wahda hadd minnhom ma kien saqsa hux ser isir xi haga.

7.18 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li sa fejn jaf hu, id-decizjoni tal-Kunsill kienet li mhu ser itella' l-ebda attivita' f'dan il-jum.

7.19 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien gie kkuntattjat mill-Gvern Centrali ftit sieghat qabel sabiex jorganizza xi haga dakinhar tal-Car Free Day. Huwa qal li ladarba l-Gvern kien ser joffri l-fondi biex il-Kunsill itella' xi haga, ma setax jirrifjuta li jaghmilha anke minhabba li d-decizjoni tal-Kunsill kienet li ser jirrifjuta li jtella' attivita' jekk ma kienx ser jinghata fondi.

7.20 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li meta hi ttella' attivita' dejjem titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill kemm biex issir l-attivita' u anke ghall-ispejjez li tkun tirrikjedi.

7.21 Is-Sindku rega' sostna li sal-ahhar minuta ta' dakinhar stess tal-Car Free Day lanqas hu stess ma kien jaf hux ser isir xi haga jew le, li sal-ahhar minuta il-Kunsill kien ser jikkancella kollox minhabba li triq Sant'Anna ma kienetx inghalqet kollha ghat-traffiku.

7.22 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li xorta wahda messu cempel lill-kunsillieri biex jinformahom.

7.23 Is-Sindku Nigel Holland qal li jhoss li l-kunsillieri kellhom juru interess huma u ghandhom jiftakru li dak inhar kien qed jahdem f'cirkustanzji difficli ghax normalment ikunu infurmati b'dak kollhu li jigri.

7.24 Il-kunsillieri Sammut Hili u Borg irribattew li m'ghandhomx isaqsu huma dwar xi decizjoni izda ghandu jkun il-persuna li tiehu decizjoni li tinforma lill-ohrajn li tkun ittiehdet decizjoni.

7.25 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li m'huwiex gust li l-kunsillieri jkunu jafu bl-affarijiet wara li jkunu diga gew ippublikati fuq Facebook. Hija gabet ezempju b'laqgha ricenti fejn il-kunsilliera gew informati bil-laqgha siegha wara li tkun giet ippublikata fuq Facebook. Is-Sindku wiegeb li hu jkun ghadda l-informazzjoni lill-istaff sabiex jinforma lill-kunsilliera u ma jhossx li hu t-tort tieghu jekk l-istaff jinforma wara li jippublikaha fuq Facebook. Huwa qal ukoll li ma jistax jifhem ghalfejn kien qed jinqala' dan l-argument ghax kien hemm diversi laqghat li kienu nformati bihom il-kunsilliera kollha biex xorta wahda hafna drabi ma jattendux.

7.26 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li dan ma kienx minnu u li kienu rari l-kazijiet fejn hi ma attendietx ghal xi haga li kienet informata dwarha.

7.27 Is-Sindku Nigel Holland qal li jekk hemm bzonn jaghmel lista tal-laqghat kollha li ma attendewx ghalihom il-kunsilliera. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili stiednet lis-Sindku jaghmel il-lista li qed isemmi u jipprezentaha.

7.28 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kien hemm kazijiet fejn anke hu ma kienx attenda specjalment meta ma kienx Sindku hu fl-istess legislatura, ghal ragunijiet li ghaliha kienu trivjali. Hi qalet li r-ragunijiet ghalfejn hu m'attendiex ma kienux affarijiet kbar u li tali appuntamenti setghu isiru wara l-laqghat.

7.29 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm kunsillieri li jigu biss fil-laqghat u f'okkazjonijiet fejn jidhru. Huwa kompla billi qal li l-Kunsilliera Sammut Hili gieli lanqas giet ghal attivitajiet organizzati mill-Kunsill bhalma huma is-serata fil-Knisja ta Sarria f'Jum il-Floriana u St Patrick's Day. Il-Kunsilliera Sammut Hili irribattiet li dan ma kienx minnu u li ghandha tfittex ir-ritratti li turi li hi kienet prezenti ghal din l-attivita'.

7.30 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-punt li ried jghaddi hu kien li s-Sindku seta' nforma lill-kunsillieri li kienu ser jittellghu xi attivitajiet minhabba li jhoss li bhala kunsillier hu ghandu jkun informat b'dak li jkun ser itella' l-Kunsill. Huwa qal ukoll li hu jipprova jattendi ghal-laqghat u l-attivitajiet tal-Kunsill kollha u li jkunu kazijiet rari fejn hu ma jattendiex. Is-Sindku wiegeb li ma kienx qed jirreferi ghall-Kunsillier Borg rigward impenn u attendenza fil-Kunsill

7.31 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li hu ma jaqbilx mas-Sindku meta qal li kienu l-kunsillieri li messhom cemplu biex jaraw jekk hux ser isir xi haga minhabba li d-decizjoni tal-Kunsill fl-ahhar laqgha kienet li ma kien ser isir xejn u ghalhekk ma kellhomx ghalfejn isaqsu.

7.32 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien iddecieda li ma jaghmel xejn minhabba li l-Gvern Centrali ma kienx ser jaghtih fondi. Huwa qal li kien fl-ahhar naqra li l-Gvern kien iddecieda li jaghti xi fondi lill-Kunsill sabiex jorganizza xi haga.

7.33 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien ovvju ghall-Kunsilliera li jassumu li mhu ha jsir xejn ladarba l-istaff kien informah li l-Kunsill ma kienx ircieva fondi.

7.34 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li semplici telefonata setghet solviet dan kollu.

7.35 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Viċi Sindku Matthew Paris, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12235 sa 12252, bir-rizultat:

Favur: 5 (ET, MP, DSH, NH, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.36 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Nota: 19:09 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Rapport Finanzjarju ta` L-Ewwel Kwart 2014

9.1 Il-Kunsill qabel li l-materja numru 10 tal-Agenda, ghandha tigi diskussa simultanjamnet ma din il-materja.

9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fetah il-materja billi nforma lill-Kunsill li s-sitwazzjoni finanzjarja ma kinietx hazina daqskemm kienet izda li kien ghad fadal x'isir biex is-sitwazzjoni titranga.

**Nota: 19:18 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

9.3 Is-Sindku Nigel Holland saqsa kemm kien hemm bzonn flus biex il-Kunsill ikun jista' jaqta' l-kontijiet kollha pendenti li ghandu. Is-Segretarju Eżekuttiv wiegeb li jkun hemm bzonn li johrog rapport biex ikun jista' jaghti cifra ezatta.

9.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-Kunsill kienx ser jirnexxielu jaqta' d-dejn tieghu sal-ahhar tas-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv wiegeb li kien ghadu kmieni biex ikun jista' jaghti risposta definittiva ghal din id-domanda.

9.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li hemm kunsilli lokali li ghadhom jgherqu fid-dejn u li kkumparat, ihoss li l-Kunsill ma kienx sejjer hazin.

9.6 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li kien hemm hafna affarijiet li ghenu lis-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill bhalma kien l-impjieg ta' haddiem manwali. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-ispejjez tal-Kunsill ser ikomplu jonqsu appena l-funtani jsiru r-responsabbilta' tal-haddiem manwali.

9.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li affarijiet ohra li kkontribwew ghat-titjib fis-sitwazzjoni finanzjarja kienu t-tnaqqis ta' fulltimer fl-ufficcju u l-impjieg ta' part timer minflok. Huwa qal li s-sena d-diehla kienet ser tonqos ukoll l-ispiza tal-gbir ta' skart.

9.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li jinsab kuntent li wara l-elezzjoni ta' Marzu, il-kunsillieri eletti ser isibu sitwazzjoni tajba u mhux bhal kunsilli ohra li sabu eluf ta' ewro f'dejn.

9.9 Il-Viċi Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jitlob permess lill-Ministru sabiex jiehu loan u jkun jista' jhallas il-kontijiet tal-progett tal-Housing li kienu ser jigu rimbursati. Is-Segretarju Eżekuttiv wiegeb li dan seta' jigi evitat ladarba l-Kunsill dejjem irnexxielu jirranga mal-kuntratturi tieghu u b'dan il-mod, kien qed jevita l-interessi.

**Nota: 19:20 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

9.10 Il-Viċi Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill izid in-numru ta' granet li kuntrattur idum ma jithallas fit-tenders li ser jinhargu dalwaqt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien diga zied il-perjodu ta' hlas tat-tenders.

9.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li il-kunisll jista jiprova isib soris ohra ta dhul. Ezempju l-fatt li kienu qed jinkrew izjed il-gonna kien qed jghin ukoll biex il-Kunsill idahhal xi flus. Huwa zied jghid li kien hemm bzonn li l-kirjiet jigu rregolati billi l-Kunsill jaghmel tabella ta' prezzijiet skont l-attivita' u li kien hemm bzonn li jsir iktar sforz sabiex il-gonna jinkrew.

<u>**Nota: 19:22 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**</u>

9.12 Il-Viċi Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jiccekkja ma' caterers u qal li jhoss li ladarba l-post jibda' jinkiteb fil-brochures tal-caterers, ikun espost iktar ghall-pubblicita'. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili issuggeriet li l-Kunsill jiccekkja mal-caterers tal-lokalita'.

9.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili issuggeriet li certu attivitajiet tal-Kunsill jibdew isiru fil-gonna bhal per ezempju r-riceviment annwali tal-21 ta' Jannar. Hija qalet li f'kaz li t-temp ma jkunx jippermetti, il-Kunsill ikun jista' jaghmel l-attivita' fid-Dar tal-Kunsill bhalma kien il-pjan inizjali.

9.14 Is-Sindku Nigel Holland qal li r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tal-2014 kien hemm bzonn li jigi approvat.

9.15 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Matthew Paris ghall-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart u tat-tieni kwart 2014 u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, VB, ET, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## <u>10.0 Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart 2014</u>

10.1 Din il-materja giet diskussa matul materja numru 9.

## <u>11.0 Arblu tal-bandiera fi Triq Sant'Anna</u>

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li wara li l-Kunsill gab rapport ricenti dwar l-ispiza biex isir arblu fi Triq Sant'Anna, jidher li l-kwotazzjoni kienet gholiet u li issa l-istima hal dan ix-xoghol jidher li kienet ammontat ghal €7000. Huwa kompla billi qal li wiehed ried ukoll izid €2000 ghax-xirja tal-arblu.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghalkemm huwa tajjeb li wiehed jiehu l-prekawzjonijiet, ihoss li qed jittiehdu wisq prekawzjonijiet li qed igeghel l-istima tigi tammonta ghal hafna aktar milli inizjament pjanat. Huwa qal li ghandu jkellem lill-Perit biex jara jekk ix-xoghol jistax jigi jammonta ghal anqas minn dak ikkwotat.

11.3 Il-Viċi Sindku Matthew Paris semma l-arblu li twahhal ricentement mill-Floriana F.C.. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jitkellem mal-Floriana F.C.

11.4 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx sar studju ta' kif ser jaffetwa dan l-arblu bhal jekk kienx ser itellef lir-residenti jew jekk kienx ser jaghmel storbju.

11.5 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li l-alternattiva hi li jsir fil-bidu tat-triq biex b'hekk ma jtellifx lir-residenti.

11.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jixtieq li dan l-arblu jitpogga fejn ikunu jistghu jarawh hafna nies.

11.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li ser jipprova jigbor xi sponsorships biex ikopru x-xogholijiet ghal dan l-arblu.

11.8 Il-Kunsill qabel li s-Sindku jkellem lill-Perit biex jara jekk l-istima tax-xogholijiet tistax tigi ridotta.

## 12.0 Traffiku u Parkegg

12.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi qal li kien hemm hemm zewg kazi riicenti fejn residenta giet imharrka ghax ma kelliex il-permess tar-residenti mal-windscreen u kaz iehor fejn residenta giet tbiddel il-permess u tharrket waqt li kienet fl-ufficcju tal-Kunsill.

12.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dawn ir-residenti jkollhom jitilghu quddiem it-tribunal biex forsi c-citazzjoni tigi mahfura.

12.3 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li wiehed seta' anke jikkontesta c-citazzjoni bil-kitba.

12.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li d-direttiva li l-Kunsill kien ta lill-gwardjani lokali biex iharrku lir-residenti li ma jkollhomx permess, kienet swiet ghax kien hemm hafna nies li minhabba f'hekk kienu finalment gew jaghmlu l-permess residenzjali.

12.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill ghandux ibiddel din id-direttiva.

12.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li ma jaqbilx li l-Kunsill ghandu jaghti struzzjonijiet differenti minhabba li din kienet swiet ghal hafna ghax irrizulta li hafna mir-residenti li ma ndenjawx jaghmlu l-permess kien minhabba traskuragni jew ghall-ghass.

12.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kien hemm hafna residenti li ma kienux baqghu joqghodu fil-lokalita' u li ma rritornawx il-permess residenzjali u baqghu jaghmlu uzu minnu bhallikieku residenti.

12.8 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li l-kazijiet tat-tribunal kienu ser jibdew jinstemghu fit-tribunal taz-Zejtun u mhux il-Belt Valletta.

12.9 Is-Sindku Nigel Holland qal li din il-materja kienet giet diskussa matul laqgha tar-Regjun Xlokk fejn kien gie anke propost li l-ministeru tal-gustizzja ghandu jkopri l-ispejjez tat-tribunal. Huwa qal li fit-tribunal tal-Belt Valletta, ir-Regjun ma kien qed ihallas xejn u li permezz ta' din id-decizjoni issa kien ser ikollu jibda' jhallas l-eluf.

**Nota: 19:42 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

12.10 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hemm numru sostanzjali ta' vetturi li nbieghu u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jibghat lir-residenti kollha sabiex jigu bil-permess halli jkun jista' jigi vverifikat.

12.11 Il-Kunsillier Borg ippropona wkoll li l-Kunsill jaghti lista lill-gwardjani lokali tal-vetturi kollha li ghadhom bil-permess izda m'ghadhomx intitolati ghalih.

12.12 Ill-Viċi Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex jinformaw lill-Kunsill meta jsir xi transfer ta' vettura li tappartjeni lil resident Furjaniz. Is-Sindku Nigel Holland li probabbli ma jkunux jistghu ituk dik l-informazzjoni minhabba d-data protection.

12.13 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li minflok isir dan kollu, il-kunsillieri jirraportaw kull kaz li jkunu jafu ta' persuni li m'ghadhomx joqghodu l-Floriana u li baqghu jaghmlu uzu mill-permess. Huwa qal li hu diga jaghmel hekk meta jkun jaf li xi resident jigi nieqes u jitlob lill-istaff amministrattiv sabiex jinforma lid-dixxendenti halli jirritornaw il-permess.

12.14 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li wasal iz-zmien li l-Kunsill jerga' jdur ir-regoli kollha tal-iskema ta' parkegg residenzjali.

**Nota: 19:45 Il-Viċi Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

12.15 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa wkoll li l-Kunsill izomm depozitu ta' certu ammont ghal kull permess li johrog u li tali depozitu jigi moghti lura appena jigi rritornat il-permess. Is-Sindku qal li ma jaqbilx ma' din il-proposta minhabba li kien hemm min sahansitra gerger ghax il-Kunsill jitlob €1.16 bhala kontribuzzjoni sabiex ikopri l-ispejjez ghal kull permess li jinhareg.

12.16 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li allura ma jifdal l-ebda alternattiva hlief li wiehed ma jinghatax permess qabel ma jirritorna l-iehor. Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li ma taqbilx minhabba li jkun hemm hafna nies li lanqas ikunu jafu li jridu jgibu l-permess lura.

**Nota: 19:47 Il-Viċi Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

12.17 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-verifiki qeghdin isiru kull tliet snin kull darba li jinbidlu l-permessi u ghalhekk bniedem li jkun qed japprofitta, eventwalment jinqabad u jittihiedlu l-permess xorta wahda. Is-Sindku qal li lanqas il-Gvern Centrali ma jaghmel verifika kull sena.

12.18 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ufficcju amministrattiv qed ikollu jaffaccja n-nies meta hemm diversi kontradizzjonijiet fir-regoli tal-iskema ta' parkegg residenzjali. Huwa qal li hemm xi regoli li qeghdin imeru lil xulxin u ghalhekk kien hemm bzonn li wiehed jirrivedihom.

**Nota: 19:48 Iil-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

12.19 Is-Sindku qal li tipprova kemm tipprova, dejjem ser issib lil xi hadd li ser jipprova japprofitta mis-sistema.

12.20 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma jridx li l-ufficcju jaqa ghaz-zufjett u li hemm bzonn li jigu riveduti xi regoli biex dan ma jibqax isir.

12.21 Il-Viċi Sindku Matthew Paris issuggerixxa li din il-materja tigi diskussa iktar tard b'mod informali sabiex kulhadd ikun jista' jressaq is-suggerimenti u l-proposti tieghu.

12.22 Il-Viċi Sindku Matthew Paris talab li s-Segretarju Eżekuttiv jipprezenta rapport dwar dan sabiex il-kunsillieri jkunu jistghu jiddiskutu din il-materja.

12.23 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li tixtieq tressaq ilment dwar il-gwardjani lokali li m'humiex qed jimxu ma' kulhadd l-istess. Hija ghamlet riferenza ghal residenta partikolari li ghandha

l-blue sticker u li ghalhekk tista' tipparkja fejn trid izda minkejja dan, il-gwardjan lokali xorta wahda qed jibqa' jmur ihabbtilha sabiex tirranga l-karozza.

12.24 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li hu ma jaqbilx li ghax ikollok il-blue sticker tkun tista' tipparkja mighjar restrizzjonijiet tal-hin.

12.25 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika jekk persuna bil-blue sticker tistax tipparkja fejn trid u jekk ir-regoli tal-iskema ta' parkegg japplikawx ghal min ghandu l-blue sticker.

12.26 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tingibed l-attenzjoni tal-kumpanija tal-gwardjani lokali sabiex tinformahom li ghandhom jimxu ma' kulhadd l-istess u li m'ghandhomx jaghlqu ghajnejhom ghax bniedem ikunu jafuh.

## 13.0 Car Free Day

13.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm xi haga li l-Kunsill xtaqu jiddiskutu in vista li dil-materja kienet diga giet diskussa iktar kmieni fil-laqgha.

13.2 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li fuq din il-materja xtaq izid li d-decizjoni li l-Car Free Day tittella' fl-istess jum mal-ftuh tal-iskejjel kienet decizjoni hazina.

13.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-Car Free Day kienet ittellghet fil-gurnata Ewropea izda taqbel li din ma kinietx il-gurnata ideali biex din tittella'.

13.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li jaqbel li din titella' fil-gurnata taghha iddedikata ghall dan il-ghan ghalkemm il-kultura maltija ma tantx tifimha din.

13.5 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li l-ewwel irid ikun hemm trasport pubbliku efficjenti biex wiehed ikun imhajjar ma jibqax jaghmel uzu mill-vettura tieghu.

## 14.0 Genna ta` Gonna...U Hafna Aktar!

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li ta' kull sena jipprova jaghmel xi attrazzjoni gdida sabiex l-attivita' tattira lin-nies.

14.2 Il-Viċi Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li l-ghada kienet ser issir konferenza minn fuq Bieb il-Bombi ghan-Notte Biancafejn ser jittellghu in-nies u ser ikun hemm anke xi muzika.

14.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li jkun hemm il-banda z-zghira ghal din l-edizzjoni. Huwa qal li l-esperiment li l-kumpless muzikali ddoqq quddiem il-Kunsill kien irnexxa is-sena l-ohra minhabba li din attirat hafna nies lejn il-bibien tad-Dar tal-Kunsill.

14.4 Is-Sindku qal li hu qed jestima li l-banda tigi tiswa madwar €400.

14.5 Is-Sindku qal li jixtieq li jzomm l-istess spiza tas-sena l-ohra minkejja li qed jestima li din ser tigi maqbuza bi ftit.

14.6 Is-Sindku kompla billi qal li wara li tkellem mas-Surmast tal-banda Vilhena, kien giet diskussa l-proposta li jsir marc fuq il-fun train li tkun qed iddur mal-lokalita'. Huwa qal li b'hekk tkun qed tintlahaq il-lokalita' kollha.

14.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien ukoll talab lill-Arcipriet sabiex jaghmel quddiesa fl-apert fi Gnien il-Mall, li min-naha tieghu accetta l-proposta.

14.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien ser ikun hemm ukoll l-attrazzjoni ta' Bieb il-Bombi fejn dan kien ser jinfetah ghall-pubbliku u li wiehed seta' anke jitla' fuqu.

14.9 Is-Sindku informa wkoll li kienet intbaghtet cirkolari lill-ghaqdiet lokali kollha sabiex jippartecipaw f'din l-attiviita'. Hu qal li kien ta sodisfazzjon li l-Assocjazzjoni San Publju ta' Malta kienet ikkonfermat il-partecipazzjoni taghha wkoll.

14.10 Is-Sindku semma wkoll suggeriment li sar mis-Sur Stephen Azzopardi sabiex isir treasure hunt matul il-lokalita' u ttama li jkun hemm partecipazzjoni tajba sabiex din it-treasure hunt tkun wahda ta' success.

14.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jikteb lill-Universita' ta' Malta u jinformahom b'dan.

14.12 Il-Viċi Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jitlob lill-KSU sabiex iwahhlu xi posters tal-attivita' man-noticeboards tal-Universita' ta' Malta.

14.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jixtieq li ssir iktar pubblicita' sabiex in-nies ikunu nformati b'dak li ser ikun offrut.

14.14 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien stieden ukoll lil Classic Cars Club sabiex jippartecipaw f'din l-edizzjoni.

14.15 Is-Sindku appella lill-kunsillieri sabiex jipprocedu fuq l-ideat li jiguhom fir-rigward ta pubblicita ghall-attivita`. Huwa qal li ma jhossx li hemm bzonn li joqghodu jinformaw stante li ma kienx ghad fadal hafna zmien.

14.16 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill kienx ha xi fondi ghal din l-attivita'. Is-Segretarju Eżekuttiv wiegeb li l-Kunsill ma setax japplika ghal din l-attivita' minhabba li meta harget l-iskema l-Kunsill seta' japplika biss ghal zewg attiviitajiet, ghall-liema diga applika . Huwa qal li kien ser jiehu hsieb biex is-sena d-diehla japplika ghal din l-attivita'.

14.17 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill keinx kellem lil V18 ghal xi sponsorship ghal din l-attivita'.

14.18 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-unika spiiza zejda apparti dik tas-sena l-ohra ser tkun l-ispiza ta' gwardjan lokali ibiex ikun jista' jassisti lin-nies u lit-traffiku hdejn Bieb il-Bombi.

14.19 Il-Viċi Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jaghmel uzu mill-karozzi li ghandhom il-Grand Hotel Excelsior billi jistieden lill-press ghal dawra madwar il-lokalita' fejn il-Kunsill jurihom l-attrazzjonijiet tal-Floriana u s-siti li ser ikunu offruti dakinhar tal-attivita'. Il-Kunsill qabel dejjem jekk il-Kunsill ma kienx ghad ghamel arrangamenti ma' xi lukanda ohra.

14.20 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghat-talba li jigi mistieden ministru ghal din l-attivita'. Huwa qal li ma jaqbilx li ghandu jigi mistieden xi ministru b'mod ufficjali minhabba li din ma kinietx attivita' mtella' mill-Gvern jew li kien ippartecipa fiha l-Gvern Centrali.

14.21 Il-Viċi Sindku qal li jixtieq jikkonkludi billi jghid li l-poster kien wiehed sabih hafna u li kien intoghgob immens.

**Nota: 20:15 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jestendi l-laqgha b'siegha.**

## 15.0 Tindif fil-Floriana

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kemm ilhom li l-haddiema tal-kuntrattur qeghdin jigu jiffirmaw fl-ufficcju, kien qed jidher li sar progress kbir. Is-Sindku qal li minkejja dan xorta wahda hemm bzonn li jsir iktar impenn mill-kuntrattur minhabba li kien hemm hafna toroq periferali li ma kienux qed jinghataw l-attenzjoni li haqqom.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-kuntrattur li l-ufficcju issa kien qed idum iktar miftuh u li ghalhekk il-haddiema setghu jigu jiffirmaw kollha.

15.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li kien difficli jsir moniteragg tal-haddiema kollha u li kien daqstant iktar difficli tivverifika jekk min kien qed jiffirma, kienx verament kennies. Is-Sindku Nigel Holland qal li wiehed seta' jipprova jtejjeb is-sistema izda ma kien hemm l-ebda sistema li ma kinietx suggetta ghal abbuz.

15.4 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li l-indafa hija l-ikbar sfida li ghandu l-kunsill minhabba li din tigi affetwata mhux biss mir-residenti, izda anke minn organizzaturi, cittadini ohra u barranin.

15.5 Is-Sindku kompla ghamel riferenza ghal Genna ta' Gonna... u hafna aktar!! u qal li l-Kunsill ghandu jsostni li l-kuntratturi kollha jaghmlu xogholom sew dakinhar u li l-Floriana ghandha tkun pupilla u li kollox ikun qed jiffunzjona kif suppost.

15.6 Is-Sindku Nigel Holland semma wkoll il-fanali li kien hemm maqtughin hdejn il-monument ta' Pietro Floriani u qal li finalment dawn kienu tbiddlu u issa kienu qed jergghu jixghelu.

15.7 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-materja ricenti dwar xi ritratti li gew postjati fuq il-pagna ta' Facebook tal-Kunsill.

15.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li xtaqet tghid li ma kienx gust li l-Viċi Sindku Matthew Paris ippostja dawn ir-ritratti u rrimarka fuq il-Facebook personali tieghu li kien il-gvern responsabbli ghall-hmieg u ma naddafx warajh.

15.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kien evidenti li l-hmieg li jidher fir-ritratt ma kienx wiehed ricenti u li dan jista' jigi nnotat mill-kulur tal-ilma tal-funtana u mill-ammont ta' hmieg li kien hemm in generali.

15.10 Il-Kunsilliera Sammut Hili ziedet tghid li r-ritratti msemmija kienu ttiehdu tliet ijiem wara l-attivita' u ghalhekk dan jikkonferma li l-kuntrattur ma kienx ghamel xogholu fi tliet ijiem shih. Hija qalet li apparti li l-gnien ma kienx qed jitnaddaf kif miftiehem, jidher li lanqas l-ilma tal-funtani ma kien qed jinbidel.

15.11 Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li anke fil-kummenti li thallew taht il-post tal-Viċi Sindku kien hemm min qal li l-funtana kienet tkun ta' spiss f'dik il-qaghda u ghalhekk jidher bic-car li dan il-hmieg ma kienx thalla mill-gvern izda kien nuqqas kontinwu tal-kuntrattur.

15.12 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li ma jistax jifhem kif materja bhal din kienet qed tigi diskusa matul laqgha tal-Kunsill ladarba tali kummenti kienu saru fuq il-pagna personali tieghu u li hu kellu kull dritt jesprimi l-opinjoni personali tieghu.

15.13 Minkejja dan il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li hu ma kienx wahhal fil-gvern centrali izda hu qal li bhala kunsill, kien jippretendi li jigu nformati u kkonsultati li kienet ser tittella' attivita' li kienet ser taffetwa il-lokalita'.

15.14 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-Kunsill kien informat b'din l-attivita' minhabba li kienu nhargu wkoll anke xi permessi ghall-kiosks.

15.15 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li jhoss li kellu jigi nformat il-Kunsill minhabba li l-lokalita' kienet ser tintlaqghat kif fil-verita' gara u dan biex ikunu jistghu jittiehdu l-passi necessarji a kwantu traffiku, indafa, ecc.

15.16 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li hu kien saqsa meta l-ahhar li kien inbidel l-ilma u li kien informat li l-ilma kien inbidel gimgha qabel.

15.17 Il-Viċi Sindku Paris qal ukoll li jhoss li li kieku saru konsultazzjonijiet qabel l-attivita', hafna mill-affarijiet setghu jigu evitati.

15.18 Il-Viċi Sindku qal ukoll li hu jibqa' jsostni li meta ssir attivita' li ser tolqot lil-lokalita', il-Kunsill ghandu jkun informat. Huwa gab ezempju bl-attivita' tal-Isle of MTV fejn l-effetti tal-attivita' ma tinhassx biss fejn tkun saret l-attivita' izda anke l-madwar. Huwa qal li bl-istess mod, kien gara f'din l-attivita'.

15.19 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li r-ritratti ippublikati fuq il-pagna tal-Facebook kienu juru kantun imwaqqa' kif ukoll bins imfawwrin, hmieg madwar il-bins, ecc.

15.20 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li jekk il-kuntrattur kien naqas, allura kien ghamel hazin irrespettivament mill-argument.

15.21 Il-Viċi Sindku Paris qal ukoll li hu jhoss u jibqa' jesprimi li l-kunsillieri ghandhom ikunu nformati bl-attivitajiet kollha. Huwa qal li hu jsostni li l-organizzaturi ghandhom jiehdu hsieb inaddfu z-zoni li jkunu gew affetwati mill-attivita' mtella'.

15.22 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li hi ma taqbilx ma' dan minhabba li wiehed ma setax jippretendi li l-organizzaturi jnaddfu kullimkien. Hija gabet l-ezempju bl-attivita' tar-Regatta li tigi segwita madwar Malta kollha u qalet li wiehed ma setax jippretendi li l-organizzaturi jnaddfu nofs Malta.

15.23 Is-Sindku Nigel Holland qal li r-responsabbilta' tal-qaghda ta' kif kien il-KGV dakinhar kien ser igorrha l-kuntrattur wahdu ladarba hu kien qed jithallas biex jiehu hsieb izomm il-gonna nodfa.

15.24 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li taqra email mibghuta mis-Segretarju Eżekuttiv fejn kien inkarigat mill-kuntrattur Karl De Flavia jghaddi messagg lilha u lill-Viċi Sindku Matthew Paris. Hija qalet li f'din il-korrispondenza hija kienet giet infurmata li giet mhedda mill-kuntrattur.

15.25 Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li hi ma kienet ser toqghod ghall-ebda theddid mill-ebda kuntrattur u tistenna li l-Kunsill ma joqghodx ghat-theddid fuq il-kunsillieri.

15.26 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li jekk sar theddid, ghandu jsir rapport lill-Pulizija. Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li hi kienet ghadha m'ghamlitx rapport lill-Pulizija biex il-materja ma tikbirx.

15.27 Il-Kunsillier Vincent Borg qara l-korrispondenza li kellu mal-Viċi Sindku Matthew Paris rigward il-materja tar-ritratti. Il-Viċi Sindku Matthew Paris sostna ghal darb'ohra li hu ma kienx wahhal fil-gvern u li kien diga spjega l-pozizzjoni tieghu.

15.28 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li ladarba dan il-kaz kien tela' fil-laqgha tal-Kunsill allura jhoss li hemm obbligu fuq il-Kunsill li l-Kunsill jaghmel ir-rapport tieghu.

15.29 Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li din ma kinietx l-ewwel darba li l-kuntrattur Karl De Flavia jghaddi kummenti dispregjattivi dwar il-Kunsill jew kunsillieri partikolari fuq Facebook u li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jiehu pozizzjoni fuq dak li jittollera mill-kuntratturi tieghu.

15.30 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-kuntrattur sabiex jirtira l-kliem ta' theddid li saru fil-konfront tal-Kunsilliera Sammut Hili u li f'kaz li dan ma jsirx, il-Kunsilliera Sammut Hili tirriserva d-dritt li tiehu l-azzjonijiet kollha possibli.

15.31 Il-Kunsillier Edward Torpiano ippropona li l-Kunsill jaghti default notice lil KDF Ltd. minhabba l-fatt li c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kien thalla mahmug nhar it-Tnejn 22 u t-Tlieta 23 ta' Settembru 2014, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg. Ittiehed vot favur din il-proposta bir-rizultat kien:

Favur: 5 (ET, VB, NH, DSH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 16.0 Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi

16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien gie moghti data ta' skadenza ghas-sottomissjoni tal-proposti tieghu.

16.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-bord kien irrimarka li diga kien hemm pavimentar tal-bricks u kienu talbu li l-Kunsill jiltaqa' mas-CHAC.

16.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-kuntratturi ma kienux ser jilhqu jlestu x-xoghol sad-data ta' skadenza moghtija. Huwa qal li sa din id-data jaf lanqas jilhaq jinhareg it-tender.

16.4 Il-Viċi Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jgharraf lill-Housing Authority b'din is-sitwazzjoni u li ser ikun hemm possibiltajiet kbar li l-Kunsill ma jilhaqx ilesti x-xogholijiet.

16.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien jinsab iddizapuntat minhabba li l-Kunsill kien jista jitlef il-fondi habba dan id-dewmien

16.6 Il-Viċi Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill johrog it-tender ta' Binja Preziosi ladarba l-Kunsill kellu bizzejjed informazzjoni biex ikun jista' johrog dan.

16.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx li ghandhom johorgu separati.

16.8 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li jekk ma jsirx hekk, kien hemm cans kbir li l-Kunsill jitlef il-flus ghaz-zewg progetti. Huwa qal li jekk il-Kunsill jikkunsidra li johrog it-tender ta' Binja Preziosi tal-anqas kien jiehu l-flus ta' dan il-progett.

16.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li xorta wahda li l-applikazzjoni kienet tinvoli z-zewg progetti f'daqqa, u allura l-ebda parti ma hija approvata mill-MEPA

16.10 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li tal-anqas il-Kunsill kien jaf x'ghandu bzonn fejn jirrigwarda l-progett ta' Binja Preziosi.

16.11 Il-Kunsill ma qabilx li ghandu johrog it-tenders separati.

16.12 Il-Viċi Sindku Matthew Paris fakkar li l-kunsillieri kienu qed jassumu r-responsabbilta' li l-Kunsill jitlef il-fondi kollha permezz ta' din id-decizjoni. Huwa qal li jittama li l-kunsillieri kienu qed jirrealizzaw is-serjeta' ta' din id-decizjoni.

**Nota: 21:00 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 17.0 Assemblea Generali Furjaniza

17.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien wasal iz-zmien sabiex terga' tittella l-Assemblea Generali Furjaniza.

17.2 Il-Kunsill qabel li din l-edizzjoni tal-Assemblea Generali Furjaniza ghandha ssir nhar l-14 u 15 ta' Novembru 2014.

17.3 Is-Sindku Nigel Holland appella lill-kunsillieri sabiex min jixtieq jaghmel xi diskorsi matul l-Assemblea, jinformah mill-aktar fis halli jkun jista' jipprepara l-programm.

17.4 Il-Viċi Sindku Matthew Paris qal li hu jkompli jsostni li m'ghandhomx jintefqu flus fil-filming tal-Assemblea Generali Furjaniza. Huwa qal li jekk hemm bżonn jittieħdu l-minuti ta' din l-edizzjoni sabiex ikun hemm rikordju xorta waħda.

17.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Matthew Paris sabiex ma jsirx filming ta' din l-edizzjoni, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 2 (MP, DSH)
Kontra: 2 (NH, VB)
Astensjonijiet: 0

17.6 Il-mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Matthew Paris m'għaddietx ladarba kien hemm il-casting vote tas-Sindku Nigel Holland.

## 18.0 Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 21 t'Ottubru fil-5.30pm.

Il-laqgħa ntemmet fid-21.10.

Nigel Holland
Sindku
Vici Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Eżekuttiv